MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 475/2006

**Pamela Mamo u b'digriet tal-25 ta' Lulju, 2006, l-isem 'Daniela Mamo' gie mnizzel minflok l-isem 'Pamela Mamo' u n-numru tal- karta ta' l-identita gie mnizzel 530682M minflok in-numru 530680M**

**Vs**

**Josephine Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi in forza ta' liema l-attrici tablet li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallasha s-somma ta' disgha u sittin lira u erbgha u tmenin centezmu (Lm69.84) rapprezentanti f'valur ta' hwejjeg illi l-konvenuta kienet xtrat mill-hanut taghha.

Ra illi l-konvenuta ghalkemm debitament notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema’ x-xhieda ta’ l-attrici Daniela Mamo fis-seduta tal-lum stess fejn ikkonfermat illi l-ammont minnha mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jikkundanna lill-konvenuta Josephine Azzopardi thallas lill-attrici s-somma kif mitluba ta’ disgha u sittin lira u erbgha u tmenin centezmu (Lm69.84) bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta’ notifika ta’ dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess konvenuta Josephine Azzopardi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------